MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2009

Numru 3330/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Deguara**

**Il-Qorti**:

Dan huwa provvediment wara rikors intavolat minn Carmel Deguara fis-27 ta' Novembru 2009 li permezz tieghu huwa talab illi, b'applikazzjoni tad-disposizzjoni tas-subartikolu (6) tal-Artikolu 10 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tordna t-twaqqif tal-piena tal-interdizzjoni generali perpetwa imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Settembru 2009 u konfermata (wara appell mill-Avukat Generali) minn din il-Qorti – il-Qorti tal-Appell Kriminali – b'sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009.

Skond l-imsemmija disposizzjoni, il-piena tal-interdizzjoni, sia jekk perpetwa kif ukoll jekk temporanja, tista' "tieqaf

f’kull zmien li jkun” b’ordni tal-Qorti jekk dik il-Qorti jkun jidhrilha a sodisfazzjon taghha li “hemm ragunijiet tajba” biex taghmel hekk.

Issa, fil-kaz in dizamina, ir-rikorrent instab hati, fost reati ohra, ta’ korruzzjoni fit-termini tal-Artikolu 115 tal-Kap. 9 peress illi accetta flus biex ihaffef, fis-sens li jipprocessa malajr, *returns* tal-VAT (kif aktar dettaljatament spjegat fis-sentenza tat-13 ta’ Novembru 2009 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Maurice Agius***). Huwa minhabba dan id-delitt ta’ korruzzjoni, u mhux minhabba dak tal-kxif ta’ sigrieti professjonali skond l-Artikolu 257 tal-Kap. 9 – delitt, dan tal-ahhar, li wkoll huwa wiehed serju hafna meta si tratta ta’ ufficjal f’dipartiment tas-servizz civili u, per di piu`, dipartiment konness mal-gbir tat-taxxa – li f’dan il-kaz giet imposta l-interdizzjoni generali perpetwa (ara l-Artikolu 119 tal-Kap. 9).

Fir-rikors tieghu, u fit-trattazzjoni kondotta mill-abbli difensura tieghu, l-Avukata Dott. Veronique Dalli, fl-udjenza tal-lum, gie sottomess li dan ir-rikors kien qed isir ghax probabbilment dalwaqt ir-rikorrent ikollu jidher quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC) u li, ghalhekk, huwa ried li l-istess Kummissjoni ma jkollhiex “idejha marbutin” bid-decizjoni tal-Qorti dwar l-interdizzjoni generali perpetwa. Ir-rikorrent fisser li huwa ghandu familja u tfal li ghadhom taht l-eta` u li allura ser tkun il-familja tieghu li ser ikollha tbati l-konsegwenzi jekk huwa jitkecca mis-servizz pubbliku. Fisser ukoll li ghad ghandu biss 41 sena u li, hlief ghall-incident meritu ta’ din il-kawza, huwa dejjem kellu *performance reports* tajbin u, kif irrizulta anke fil-mori tal-proceduri kemm quddiem il-Qorti Inferjuri kif ukoll quddiem din il-Qorti, il-fedina penali tieghu kienet, sa ma gie sentenzjat ghar-reati *de quo*, nadifa. Ighid li l-involviment tieghu, ossia dak li ghamel kien *de minimis*, u li huwa kkoopera mal-Pulizija. Skond ir-rikorrent, dawn huma “cirkostanzi bizzejjed sabiex din il-Qorti joghgobha tnehhi l-ordni ta’ interdizzjoni perpetwa u generali” fuqu imposta.

Din il-Qorti, pero`, ma tista’ taqbel b’ebda mod mar-rikorrent. Apparti li huwa ghal kollox inkoncepibbli ghal din

il-Qorti kif persuna, li tkun giet ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal periodu sostanzjali (anke jekk sospiza) u, per di piu`, minhabba reati konnessi max-xoghol taghha (bhalma gie kkundannat ir-rikorrent) tista' tibqa' fis-servizz civili ossia fl-impieg taghha, hawnhekk ghandna r-reat ta' korruzzjoni. Dan ir-reat, bhal dawk ta' ezazzjoni u estorsjoni, jimminaw bl-aktar mod dirett il-fiducja fis-servizz pubbliku u, b'mod indirett, fl-istituzzjonijiet pubblici kollha tal-Istat; u huwa proprju ghalhekk li l-ligi tikkommina l-interdizzjoni generali perpetwa. Jekk l-att ta' korruzzjoni kienx ta' darba wahda jew ta' aktar minn darba huwa rrelevanti – ir-rikorrent xogholu kien proprju li jissorvelja (ghax kien fis-sezzjoni tal-Ispettorat) li fid-Dipartiment tal-VAT kollox isir *rite et recte*. Hu mhux biss naqas milli jaghmel hekk, izda addirittura kkommetta wkoll zewg delitti proprju in konnessjoni max-xoghol tieghu. Is-serjeta` titlob li huwa ma jkollux aktar kariga jew impieg pubbliku, u dan proprju fl-ispirtu tad-diposizzjonijiet tal-Artikoli 119 u 10(2) tal-Kodici Kriminali. Ir-ragunijiet dedotti fir-rikors, u riflessi fis-sottomissjonijiet tal-lum, din il-Qorti ma tqishomx bhala ragunijiet tajba ghall-finijiet tas-subartikolu (6) tal-imsemmi Artikolu 10. Ir-rikorrent messu haseb qabel dwar il-konsegwenzi ta' ghemilu.

Ghall-motivi premessi, tichad it-talba tar-rikorrent. Tordna li kopja ta' dan il-provvediment jigi notifikat lill-istess rikorrent, lill-Avukat Generali u lis-Segretarju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------